MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 413/1999/2

**It-Tabib Dr. Carmel sive Lino u Louise-Ann mizzewgin Gauci Borda**

**vs**

**Carmelina sive Carmela Azzopardi u Marlene armla minn Andrew Zarb, Yvonne mart Oliver Agius u Isabelle ahwa Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fil-31 ta' Jannar, 2005 minn Carmelina sive Carmela Azzopardi u Marlene armla minn Andrew Zarb, Yvonne mart Oliver Agius u Isabelle ahwa Azzopardi, li *in forza* taghha wara li esponew illi:

Permezz ta' Citazzjoni Numru 413/99 fl-ismijiet *It-Tabib Dr Carmel sive Lino u Louise-Ann mizzewgin Gauci Borda vs Carmelina sive Carmela Azzopardi u Marlene armla minn Andrew Zarb, Yvonne mart Oliver Agius u Isabelle ahwa Azzopardi* l-intimati odjerni, kienu ippremettew illi b'konvenju tad-29 ta' Dicembru, 1998 redatt min-Nutar Mario Rosario Bonello il-konvenuti kienu intrabtu w obbligaw ruhhom li jbieghu u jittrasferixxu lill-atturi l-fond 284, *"Esther House"*, Triq Fleur-de-Lys, Santa Venera u dan versu l-prezz ta' ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000), li l-konvenuti kienu obbligaw ruhhom ukoll li jersqu biex jiffirmaw il-kuntratt ta' trasferiment relattiv mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar, 1999, li b'ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar, 1999, l-atturi interpellaw lill-konvenuti jaddivjenu ghat-trasferiment tal-fond u li l-konvenuti *nonostante* l-interpellazzjoni naqsu li jersqu ghall-kuntratt ta' trasferiment tal-fond *in kwistjoni*.

Ghalhekk l-intimati talbu *inter alia* illi l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku ta' bejgh u trasferiment lill-atturi ta' l-imsemmi fond.

Ir-rikorrenti odjerni kienu eccepew illi huma kienu inibiti milli jersqu ghall-kuntratt finali mertu tal-kawza bis-sahha ta' sentenza fl-ismijiet *"Oliver Agius vs Carmelina Azzopardi"*, liema sentenza ikkonfermat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fejn irrizulta illi l-konvenuti kienu innibiti milli jghaddu ghat-trasferiment ta' l-imsemmi fond. L-esponenti eccipew li *inoltre* il-prokura moghtija lil Carmelina Azzopardi mhijhiex valida u ukoll illi *stante* illi l-inkwilina mietet waqt il-konvenju, b'hekk inbidlet cirkostanza essenzjali fil-konvenju li jinfluwenza il-valur tal-fond u li l-konvenju johloq stat ta' illegalita' ghaliex il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien ivvaluta l-fond b'valur ta' sittin elf Lira u mhux ghoxrin elf Lira jigifieri valur ferm oghla mill-prezz ta' ghoxrin elf Lira Maltin.

B’sentenza tal-10 ta’ Ottubru, 2001, l-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u ddikjarat illi l-konvenuti *nomine* kellhom raguni valida sabiex ma jersqux ghall-kuntratt, u dan ghaliex bil-mewt tal-inkwilin fit-terminu ta’ validita’ tal-konvenju kienu inbiddlu ic-cirkostanzi tal-bejgh kif imweghda.

L-intimati odjerni interponew appell mill-imsemmija sentenza.

Permezz ta’ sentenza moghtija fid-29 ta’ Ottubru, 2004, din l-Onorabbli Qorti laqghet l-appell ta’ l-intimati odjerni *in kwantu* ddikjarat illi l-konvenju relattiv kellu l-elementi kollha essenzjali ghall-validita’ tieghu u, rigward il-prezz tal-bejgh, il-partijiet ma ssottomettew il-konvenju ghall-ebda kundizzjoni u rrimettiet l-atti tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jigu ezaminati u decizi l-eccezzjonijiet rimanenti u kollox kif jinghad fl-imsemmija sentenza.

**<u>Ritrattazzjoni</u>**

Ir-rikorrenti odjerni ghandhom interess li l-kawza deciza fid-29 ta’ Ottubru 2004 minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet fuq premessi tigi ritrattata wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza ghaliex kif ser jinghad dik is-sentenza kienet effett ta’ zball li jidher mill-atti tal-kawza kif inhu mahsub fl-artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

Fis-sentenza Taghha fuq imsemmija, din l-Onorabbli Qorti irriteniet:

“Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kenitx korretta meta osservat li *“Il-konvenuti kienu ser ibieghu d-dar u l-atturi kienu ser jixtruha, bil-prezz miftiehem, ghax kienu jafu li l-post kien mikri. Dan il-fatt kien ben konoxxut mill-kontraenti pero’ ma jidhirx li din kienet kundizzjoni li rregolat l-aspetti l-ohra tal-konvenju. Din ghalhekk hija semplici kongettura ta’ l-ewwel Qorti li mhux permessa billi tbiddel radikalment il-volonta’ tal-kontraenti, liema volonta’ tidher tant cara fl-iskrittura in kwistjoni”*.

Hawn ukoll, din l-Onorabbli Qorti naqset milli tikkunsidra il-kuntest li fih sar il-kumment ta’ l-Ewwel Qorti u naqset milli tapprezza il-fatt (liema fatt kellu jiddetermina il-kwistjoni odjerna) illi l-Ewwel Qorti ma ttentatx tinterpreta jew tbiddel l-intenzjoni tal-partijiet izda ghamlet stqarrija dwar stat ta’ fatt oggettiv li kien irrisultalha, u li effettivament ma jifformax parti mid-deliberazzjonijiet ta’ din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni.

Fi kliem l-Ewwel Onorabbli Qorti, *“Il-partijiet kienu ftehmu fuq haga mentri meta gew ghall-kuntratt kien hemm haga ohra”*.

L-izball ta’ dina l-Onorabbli Qorti allura kien fis-sens illi, kif fuq espost, naqset milli tikkunsidra l-ezistenza ta’ fatt oggettiv. Din l-Onorabbli Qorti bir-rispett injorat fatt li huwa il-pern kollu tal-kaz tal-esponenti u tas-sentenza tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, u minflok dahlet f’esami dwar jekk b’xi mod kien hemmx xi element nieqes fil-konvenju, jew kienx il-kaz li wiehed jidhol fl-interpretazzjoni tal-intenzjoni tal-partijiet. Dawn il-konsiderazzjonijiet ma kienux parti mill-kontestazzjoni tal-konvenuti.

Il-fatt li dwaru bbazaw ir-rifjut taghhom sabiex jaddivjenu ghall-kuntratt finali kien fatt oggettiv li dwaru ma kien hemm bzonn ta’ l-ebda apprezzament, u lanqas ma holoq xi invalidita’ fil-konvenju.

Dan il-fatt *pero’* gab mieghu bidla essenzjali fl-oggett miftiehem tal-bejgh, billi naqset kwalita’ fl-oggett tal-bejgh, kwalita’ li kif sewwa osservat ukoll din l-Onorabbli Qorti kien jaf bih kulhadd.

Bir-rispett din l-Onorabbli Qorti naqset li tapprezza ukoll, li indipendentement mill-effett oggettiv ta’ kif dan il-fatt biddel kwalita’ essenzjali fl-oggett tal-bejgh, kien ukoll fatt indiskuss li l-intimati kienu jafu li l-kirja esistenti kienet ir-raguni ghaliex kien gie accettat prezz baxx ghall-bejgh. Dan jirrisulta mix-xhieda li ta’ it-Tabib Gauci Borda fejn, fis-seduta tal-21 ta’ Gunju, 2000, quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti iddikjara taht gurament:

*“Nimmagina li kienet konsiderazzjoni fil-prezz li tawni l-fatt li d-dar kienet mikrija meta kont ser nixtriha”*.

Ghaldaqstant huwa manifestament car illi l-obbligazzjoni assunta mill-partijiet nhar it-28 ta’ Dicembru, 1998 kienet tirrigwarda unikament fond mikri u xejn izjed. Gialadarbaipprezentat ruhha cirkostanza imprevvista mill-partijiet li biddlet in-natura ta’ l-oggett tal-ftehim u dan ghal raguni indipendenti mill-volonta’ tal-partijiet, il-ftehim tat-28 ta’ Dicembru ma baqax jorbot.

Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti naqset milli tapprezza l-fatt krucjali tal-kawza waqt li indubbjament, din is-sentenza kienet ibbazata fuq suppozizzjoni li ma jezistix dan il-fatt, li l-verita’ tieghu giet stabbilita pozittivament u dan *ai termini* tal-paragrafu (1) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kap 12, u li ghandu potenzjal qawwi illi jbiddel l-ezitu tal-kawza.

Ghaldaqstant *stante* illi bir-rispett huwa sottomess li hemm ragunijiet bizzejjed biex is-sentenza fl-ismijiet *“It-Tabib Dr. Carmel sive Lino u Louise-Ann mizzewgin Gauci Borda vs Carmelina sive Carmela Azzopardi u Marlene armla minn Andrew Zarb, Yvonne mart Oliver Agius u Isabelle ahwa Azzopardi”* deciza minn Din il-Qorti fid-29 ta’ Ottubru 2004 tigi ritrattata, waqt li taghmel referenza ghall-provi prodotti, waqt li jirrizervaw id-dritt li jipproducu dawk il-provi li jistghu jipproducu skond il-ligi komprizi s-subizzjoni ta’ l-intimati li minn issa ghaliha ngunti, jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi s-sentenza fl-ismijiet *“It-Tabib Dr. Carmel sive Lino u Louise-Ann mizzewgin Gauci Borda vs Carmelina sive Carmela Azzopardi u Marlene armla minn Andrew Zarb, Yvonne mart Oliver Agius u Isabelle ahwa Azzopardi”*, moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fid-29 ta’ Ottubru, 2004 kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza *ai termini* tal-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

2. Tirrevoka u thassar is-sentenza fl-ismijiet *“It-Tabib Dr. Carmel sive Lino u Louise-Ann mizzewgin Gauci Borda vs*

*Carmelina sive Carmela Azzopardi u Marlene armla minn Andrew Zarb, Yvonne mart Oliver Agius u Isabelle ahwa Azzopardi"* ta' din l-Onorabbli Qorti tad-29 ta' Ottubru, 2004.

3. Tordna konsegwentement r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza.

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimati.

Rat ir-risposta ippresentata minn Dr. Carmel sive Lino Gauci Borda et li *in forza* taghha ecepew illi:

It-talba tar-rikorrenti ghar-ritrattazzjoni hija insostenibbli, inammissibbli u saret biss biex tkompli ttawwal il-kawza *stante* li s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tad-29 ta' Settembru, (recte, Ottubru) 2004 fil-kawza fl-ismijiet premessi mhux biss hija gusta u skond il-ligi izda certament ma hemmx lok li l-istess kawza tigi ritrattata *a bazi* ta' dak li jipprovdi artiklu 811 subinciz (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti jidher li qeghdin jibbazaw l-argument taghhom fuq il-kontenut ta' artikolu 811(l) tal-Kap. 12 (erroneament indikat fir-rikors bhala 811(e) fil-hames paragrafu ta' pagna 2) u qed jallegaw li s-sentenza fuq citata kienet effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza, liema *"zball"* allura ghandu jintitolahom ghar-ritrattazzjoni tal-kawza.

Fir-rikors taghhom ir-rikorrenti iddikjaraw li, skond huma, il-*"pern"* tal-kwistjoni kollha huwa msejjes fuq il-*"fatt"* li *"il-partijiet kienu ftehmu fuq haga mentri meta gew ghall-kuntratt kien hemm haga ohra"* u li din l-Onorabbli Qorti allura zbaljat meta fis-sentenza ddikjarat li din l-allegazzjoni ma kienet *"fatt oggettiv"* xejn izda bazata biss fuq kongettura u interpretazzjoni soggettiva.

Artiklu 811(l) tal-Kap. 12 jaghmilha cara li jitqies li jkun hemm zball **fil-kaz biss** li d-decizjoni tkun ibbazata (i) fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun eskluza jew (ii) fuq suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita'

tieghu tkun stabilita’ pozittivament, **basta li l-fatt ma jkunx punt ikkontestat li jkun gie deciz bis-sentenza.**

Fil-kaz odjern, m’hemmx dubju li l-partijiet qablu dwar il-fatt li r-rikorrenti kienu obbligaw ruhhom li jbieghu u jittrasferixxu l-fond *in kwistjoni* lill-esponenti u dan bis-sahha tal-konvenju tad-29 ta’ Dicembru, 1998. Il-partijiet qablu wkoll li l-fond dak iz-zmien kien mikri lil omm l-esponent u li din tal-ahhar mietet ftit jiem qabel ghalaq it-terminu tal-konvenju.

Dawn kienu l-fatti rilevanti li kien hemm qbil dwarhom bejn il-partijiet u li dwarhom ma kienx hemm kontestazzjoni.

Jidher li r-rikorrenti qeghdin skorrettament jikkunsidraw bhala *“fatt oggettiv”* l-allegazzjoni taghhom li l-mewt ta’ omm l-esponent kien fatt li kellu b’xi mod jannulla l-konvenju u konsegwentement iholl lir-rikorrenti mill-obbligazzjonijiet minnhom liberament assunti versu l-esponent. M’hemmx dubju *pero’*, li r-rabta li qed jippruvaw joholqu r-rikorrenti bejn il-mewt ta’ omm l-esponent u l-validita’ tal-konvenju ma kien *“fatt oggettiv”* xejn, izda biss sottomissjoni soggettiva li giet kontestata waqt it-trattazzjoni tal-kawza u li eventwalment giet gustament skartata minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha.

Kif sewwa qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell hi u tikkwota lil Mattirolo (Vol IV p.825) fil-kawza fl-ismijiet *“John Zammit vs Michael Zammit Tabona noe et”* deciza fit-22 ta’ Jannar, 2001, biex l-izball ta’ fatt jaghti kawza ghar-revokazzjoni ta’ sentenza jehtieg *inter alia* li (i) l-izball manifest u emergenti mill-atti tal-kawza jkun materjali ta’ fatt **u mhux zball ta’ kriterju jew ta’ interpretazzjoni**; (ii) l-esistenza jew l-inesistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant **ma tkunx iffurmat punt ta’ kontroversja, jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat** (ara *G. Mifsud vs G. Zahra* Qorti tal-Appell 18 ta’ Gunju, 1954).

Dan il-principju baziku gie enuncjat ukoll f’diversi sentenzi ohra: *Palmar Limited vs V. Ciantar* (Qorti tal-Appell sede

Inferjuri deciza 12 ta' Mejju, 2003); *M. Cutajar vs R. Muscat* (Qorti tal-Appell sede Inferjuri deciza 12 ta' Mejju, 2003); *J. Sammut noe et vs M. Mizzi et (*Qorti tal-Appell deciza 30 ta' Gunju, 2003); *C. Gauci vs A. Vella pro et noe et* (Qorti tal-Appell deciza 10 ta' Ottubru, 2003).

F'dan il-kuntest ghandu jinghad li, kif sewwa qalet din l-Onorabbli Qorti, il-qofol tal-kwistjoni kollha kien li fil-konvenju *in kwistjoni* ma kinitx saret ebda kundizzjoni li tillimita jew tikkundizzjona b'xi mod d-drittijiet tal-kumpraturi u li kliem tal-istess konvenju ma jaghtix lok ghal interpretazzjoni ghaliex jirrifletti b'mod car il-volonta' libera tal-partijiet.

Tenut kont tal-fatt ghalhekk li ma jezisti ebda *"zball"* kif imfisser f'artiklu 811 subinciz (l) tal-Kap. 12 u li fil-korp tar-rikors taghhom ir-rikorrenti aktar ittrattaw kwistjonijiet ta' mertu li kienu diga' trattati fl-udjenza, jidher lampanti l-fatt li r-rikorrenti ghamlu uzu mir-rimedju eccezzjonali u straordinarju ta' ritrattazzjoni biex bhal speci isir appell iehor minn sentenza defittivament deciza minn din l-Onorabbli Qorti.

Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti sabiex tigi ritrattata l-kawza ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat l-atti tal-process fl-ismijiet premessi deciza minn din il-Qorti fit-29 ta' Ottubru, 2004;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dawn il-proceduri kellhom il-bidu taghhom f'konvenju iffirmat fid-29 ta' Dicembru, 1998, li *in forza* tieghu Carmelina sive Carmela Azzopardi u ulieda ahwa Azzopardi obbligaw ruhhom li jbieghu u jittrasferixxu lill-konjugi Gauci Borda l-fond 284, *"Ester House"*, Triq Fleur

de Lys, Santa Venera. Peress li l-familja Azzopardi ma resqetx ghall-pubblikazzjoni tal-att finali, il-konjugi Gauci Borda fethu kawza fejn talbu li l-familja Azzopardi tkun ikkundannata tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku relattiv. Il-familja Azzopardi eccepiet, fost eccezzjonijiet ohra, illi hi mhix tenuta tersaq ghal-pubblikazzjoni tal-att peress li l-inkwilina tal-fond *in kwistjoni* mietet waqt il-konvenju u b'hekk inbidlet cirkostanza essenzjali fil-konvenju li jinfluwenza l-valur tal-fond.

Illi l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, b'sentenza tal-10 ta' Ottubru, 2001, kienet laqghet din l-eccezzjoni u ddecidiet li l-konvenuti, familja Azzopardi kellhom raguni valida ghaliex ma jersqux ghall-kuntratt.

L-atturi, l-konjugi Gauci Borda, hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza u b'rikors ippresentat fid-29 ta' Ottubru, 2001, interponew appell u talbu r-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u sabiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet taghhom.

Fil-fatt, din il-Qorti, b'sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2004, laqghet l-appell tal-konjugi Gauci Borda, irrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti, u wara li cahdet l-eccezzjoni *in kwistjoni*, irrinvjat l-atti quddiem l-ewwel Qorti biex dik l-Onorabbli Qorti tikkunsidra l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-familja Azzopardi u tiddeciedi dwarhom.

Bil-presenti procedura, il-familja Azzopardi qed titlob ir-ritrattazzjoni ta' dik is-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fuq l-argument li dik is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza. L-artikolu invokat, l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddisponi li kawza tista' tigi ritrattrata.

*"jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.*

*Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt,*

*li l-verita' tieghu tkun stabbilita' pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza"*.

L-istatut ta' ritrattazzjoni huwa rimedju eccezzjonali nkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li *"res judicata pro veritate habetur"*. Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-remedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi. Fis-sentenza moghtija fis-26 ta' April, 1993, minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza "Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et" gie osservat li *"L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizzazzjoni ta' l-ordni gudizzjarju fl-istruttura taghha hija ta' zewg gradi – prim'istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni"*.

Din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Marzu, 1992 fil-kawza "Mark Causon vs Carmel Portelli noe et", b'rispett lejn il-principji hawn fuq enuncjati osservat li *"Il-gurisprudenza taghna konstantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn il-kontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita' jew il-gustizzja. Il-guristi Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res judicata pro veritate habetur … Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima* (Koll. Vol. XXVII – I – 818). *Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerga jiftah il-kawza, u hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza* (Koll Vol. XLIII – I – 227) *haga li mhux permessa mill-ligi"*.

Fil-kuntest ta' dawn il-principji generali issa rridu nezaminaw r-ragunijiet imressqa mir-rikorrenti *in sostenn* tat-talba taghhom ghar-ritrattazzjoni.

Ir-rikorrenti, kif inghad, qed jibbazaw it-talba taghhom fuq l-allegat zball ta' din il-Qorti li ma qisitx il-fatt oggettiv li l-mewt tal-inkwilina fil-mori tal-konvenju gab mieghu bidla essenzjali fl-oggett miftiehem tal-bejgh.

Ghar-rigward tat-talba bazata fuq zball ta' fatt intqal fil-kawza "Mifsud vs Zahra" deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Gunju, 1954 (Vol. XXXVIII.I.323), illi mill-ezami ta' l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi jirrizulta illi, biex l-izball ta' fatt jaghti kawza ghar-revokazzjoni tas-sentenza, jehtieg, kif jikteb Mattirolo – (1) Illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni; (2) Illi l-izball jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammessibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball; (3) Illi l-istess zball ikun manifest, tali, *cioe'*, li jimergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza; b'mod li jkun jidher prodott eskluzivament mis-semplici inavertenza tal-gudikant; (4) Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni, jigifieri illi s-sentenza, vizjata b'dak l-izball, ma tistax tigi sorretta minn xi ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata; u (5) Illi l-ezistenza jew inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet, u li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat ruhha.

Fil-kawza "Borg vs Borg", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' April, 1998, inghad b'approvazzjoni tat-taghlim ta' Mortara illi *"l'errore di fatto e' un vero errore dei sensi; il magistrato ha creduto di vedere negli atti quel che non esiste o ha fondato la sua convinzione sul presupposto della inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi del corpo e dell'intelletto sulle carte del processo"*.

Fil-kawza "Cassar vs Azzopardi", deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' April, 1996, inghad, b'approvazzjoni tat-teorija ta'

Galdi, illi *"Il guidice ha il debito di giudicare secundum allegata et probata e percio' l'errore gli e' imputabile e vizia la sentenza quando risulta dagli atti che gli sono stati presentati. Ma il guidice non ha l'obbligo di indovinare il contenuto di documenti o atti che non furono legalment sottoposti ai suoi riguardi"*.

Kif taraha din il-Qorti zball konsimili, kif rikjest mil-ligi, u kif definit u interpretat fid-dottrina u l-gurisprudenza, mhux ravvizat fil-fattispecie ta' dan il-kaz. Ibda biex il-Qorti ma tarax illi dak lamentat mir-rikorrenti jitratta minn *"zball ta' fatt materjali"*, izda minn apprezzament tal-fatti li kienu cari u li dwarhom ma jezisti ebda zball. Il-fatti huma li gie iffirmat konvenju li in forza tieghu l-familja Azzopardi obbligat ruhha li tbiegh u titrasferixxi fond bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, liema dar kienet, f'dak iz-zmien, mikrija lis-Sinjura Carmelina Gauci Borda. Jirrizulta wkoll li, fil-mori tal-konvenju, mietet l-inkwilina. Fuq dawn il-fatti ma jirrizulta ebda *"zball"*. Dak li xehdu l-partijiet kien ukoll quddiem din il-Qorti, u ma jirrizultax li din il-Qorti qieset xi fatt bhala li jezisti meta ma kienx, jew ma qisetx fatt li fil-fatt kien jezisti. Din il-Qorti jidher li qieset sew dak li qalu l-partijiet izda, fil-fehma taghha, kien importanti l-principju li gie ribadit mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Philip Micallef vs Antoine Micallef", decisa fil-30 ta' April, 2002, fis-sens illi:

*"Gie deciz li meta element essenzjali jkun irid jirrizulta minn skrittura jew kuntratt, jekk tali element jonqos, provi testimonjali ma humiex ammissibbli biex jigi supplit l-element nieqes. Tali prova testimonjali hi lecita biss li ssir biex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju"*.

Fid-dawl ta' dan il-principju, din il-Qorti qieset il-konvenju, u osservat li fl-istess ma saret ebda riserva dwar x'jigri f'kaz ta' bdil fic-cirkustanzi. Din il-Qorti qieset li l-obbligazzjoni kienet ta' fond, li, f'dak il-mument tal-konvenju, kien mikri, izda li l-istess obbligazzjoni ma kinetx marbuta mal-kondizzjoni li l-fond jinbiegh biss jekk jibqa' mikri fil-mument tal-publikazzjoni tal-kuntratt. Il-bidla fic-cirkustanza ta' fatt giet kkunsidrata minn din il-

Qorti, *pero'*, peress li ma kienx hemm riserva biex tkopri ghal-tali biddliet, gie meqjus li l-konvenju baqa' jorbot skond it-termini originali tieghu. Dan hu apprezzament li ghamlet din il-Qorti u ma jwassalx ghal *"zball"* kontemplat fil-ligi.

Kif rilevat fid-decizjonijiet *a* Vol XXIV pl p609 u Vol XXVII pl p433, *"l'errore di fatto perche' possa aprire l'adito alla ritrattazione deve risultare dagli atti e dai documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e' stato appreso dal giudicante … …L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita' colla decisione, ed e' necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impugnata"*.

F'dan il-kaz, ma hemm xejn fis-sentenza li hu kontra dak li jirrizulta mill-atti. Il-fatt li l-Qorti dehrilha li, fic-cirkustanzi, kellha taghti aktar piz lill-kitba milli x'qalu il-partijiet dwar il-hsieb taghhom, ma jistax jitqies *"zball ta' fatt"*. Dak li ghamlet din il-Qorti kien li qieset ic-cirkustanzi kollha, u fid-dawl tal-kontestazzjoni li rrizultat, tat is-sentenza taghha fuq ir-rizultanzi u *a bazi* ta' principji minnha abbraccjati.

*Kwindi* t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jigu milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti ritrattandi. Fl-istess hin qeghdha tirrimetti l-atti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti biex dik il-Qorti tikkunsidra l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuti u tiddeciedi dwarhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------